# St.Elias College

Tagħrif




Il-Provinċja Karmelitana Maltija sa mill-qedem kienet tinteressa ruħha fit-tagħlim. Hekk nafu li fis-sena 1536 Patri Ġwann Buġeja nħatar mill-Kunsill tal-Poplu surmast ta' l-Iskola tal-Katidral ta' l-Imdina. Għal ħabta tas-sena 1791, il-Komunita' tal-Patrijiet Karmelitani fl-Imdina kitbet lis-sagra kongregazzjoni biex tinata' l-approvazzjoni biex twaqqaf u tmexxi Kulleġġ ta' l-Għarbi. Il-W.R. Provinċjal Patri Pietru Dimech, O. Carm., Fundatur ta' St. Elias College kien għalliem f'Ruma, fl-Amerika u fil-Polonja.

Kien nhar id-29 t' Ottubru 1944, festa ta' Kristu Re, meta formalment u solonnement twaqfet din l-istituzzjoni ġdida "Schola Mariano Apostolica" fil-kunvent tal-Karmnu ġewwa l-Belt Valletta. Kien jum ta' ferħ għall-ordni Karmelitan għax taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Karmnu u t-tmexxija tal-W.R.P. Provinċjal, f'din l-iskola kienu ser jistudjaw dawk it-tfal li jħossu s-sejħa ta' Alla biex isiru saċerdoti fl-Ordni Karmelitan. F'din l-iskola kien issir it-tagħlim wara l-ħin ta' l-iskola ta' dawk is-suġġetti biss li mhumiex mgħallmin fl-iskejjel pubbliċi, jew ma kienux mgħallmin biżżejjed, bħal-latin, it-taljan, il-kant u materji oħrajn, skond ma kien meħtieġ biex wieħed jieħu l-istat reliġjuż u saċerdotali. Fl-omelija li għamel dak inhar tal-ftuħ ta' l-iskola, l-Provinċjal spjega l-bidu, l-isem u l-għan ta' din l-iskola l-ġdida. "Il-quddiem hemm diġa l-ħsieb li, malli jasal il-waqt, bil-għajnuna ta' Alla u tal-Madonna, jinbena għal dawn it-tfal kulleġġ ġdid fejn ikunu jistgħu jitgħallmu kol-



lox miġburin ilkoll fi skola waħda. Jalla jseħħ dan il-ħsieb qaddis għaliex ikun ta' ġid kbir għall-ordni u għas-soċjeta'", spiċċa jgħid il-provinċjal.

Billi l-"iSchola Mariano-Apostolica', li kienet twaqqfet fil-kunvent tal-Belt kienet sejra tajjeb ħafna, il-Provinċjal P. Pietru Dimech O.Carm fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Provinċja tat-22 ta' Novembru 1944 wera l-ħsieb tiegħu li jibni kulleġġ ġdid fil-Fgura. Biex jitwettaq dan il-proġett kien meħtieġ li tiġi akkwistata biċċa art b'xiri jew b'mod ieħor leġittimu. Id-difenitorju, filwaqt li qabel li tiġi akkwistata l-art meħtieġa u jsiru l-preparamenti l-oħra neċessarji, iddeċċieda li l-bini tal-kulleġġ kellu jitħalla għal aktar 'l quddiem minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema tal-bini.

F'Awwissu tas-sena 1952 deher fil-Karmelu dan l-avviż: Min din is-sena l-'iSchola Mariano-Apostolica' li kienet issir fil-kunvent tagħna tal-Belt, sejra tkun fix-Chateau Lonz Triq San Ġużepp, Ħamrun. (Għal xi żmien din il-parti ta' Santa Venera kienet magħrufa il-Ħam-run). Fin-noti per-sonali tiegħu P. Manwel Gatt kiteb li 'f'dak iż-żmien ippruvajna nibdlu l-isem ta' l-iskola u nsemmuha Mt.



Carmel College, u waħħalna tabella mal-ħajt. Qlajna ċitazzjoni u bagħat għalina s-Supretendent. L-iskola bdiet tikber u saru tliet klassijiet. Kellna 80 tifel. Żdiedu l-għalliema reliġjużi fosthom P. Alfred Tabone, P. Ugo Mallia, P. Patrick Abela, P. Salv Bartolo, P. Marcellin Scicluna, P. Danjel Sammut, P. Mawrizju Mizzi, P. Leonard Mohoney u Rafel Caruana.'

Fi żmien li P. Alfred Tabone O.Carm kien rettur ta' l-iskola, fl-1963, kien hemm il-ħsieb li l-bini ta' l-iskola jiġi trasferit għall-għelieqi ta' wara l-Knisja ta' Fleur-de-Lys. P. Bert Mercieca O.Carm kien għamel il-preparazzjoni għal dan il-proġett u talab lill-Gvern biex ibiddel il-pjan tat-toroq ta' dawk l-inħawi. Għal xi raġuni dan il-pjan falla.

Fl-4 t'Ottubru 1967, il-Pirjol tal-komunita' ta' Santa Venera għarraf lill-patrijiet sħabu, li s-Sur Gabriele Buġeja, li kien jaħdem il-ġnien tal-Kunvent permezz ta' l-avukat tiegħu kien qiegħed jitlob is-somma ta' mitejn lira (Lm200) bħal benefiċċju biex ma jkompliex jaħdem il-ġnien.

Għall-ewwel kien maħsub li jibena sular wieħed (ground floor) iżda f'Jannar 1969 il-Kunsill tal-Provinċjal iddeċieda li jkompli t-tieni sular ukoll. Fis-sena 1974 minħabba n-numbru kbir ta' applikazzjonijiet tat-tfal , inbena sular ieħor (second floor). Mal-mixja taż-żmien inħasset il-ħtieġa ta' sular ieħor billi ħafna applikazzjoniet kellhom jiġu rrifjutati. In-numru ta' tfal għas-sena skolastika 1974-1975 kien ta' 550 u kienu mqassmin fi 17-il klassi.

*To The Young People of Tomorrow*
*In Gratitude*
*For the Endless Efforts Made By*
*The Very Reverend Father Provincial*
*Justin Sant*
*And All Those Who Helped*
*Towards The Building of This College*
*The Maltese Carmelite Fathers*
*Proudly Remember Them*

Għalkemm il-Kulleġġ



beda jilqa' t-tfal f'Ottubru 1970, il-ftuħ uffiċċjali tiegħu kien għadu ma sarx billi kien jonqos ħafna xogħol żgħir x'isir. F'din is-sena P. Renato Valente O. Carm laħaq rettur ta' l-iskola. Huwa flimkien ma' l-istaff tal-Kulleġġ ħasbu li tkun ħaġa xierqa jekk il-Kulleġġ jitbierek u jinfetaħ uffiċjalment fl-istess żmien meta l-W.R. Provinjal P. Ġustin Sant O.Carm., ikun qed jiċċelebra l-ħamsa u għoxrin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. It-tberik sar nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru 1971 mill-istess Provinċjal.

Wara P. Renato Valente O. Carm laħaq rettur P. Karm Ferrante O.Carm, saċerdot ħabrieki mill-parroċċa tagħna li dam imexxi dan il-kulleġġ mill-1982 sa l-1985. Meta P. Karm Ferrante O.Carm deherlu li għandu jċedi postu, daħal P. Robert Farrugia O.Carm u warajh ħa over P. Joseph Saliba O.Carm.

Fit-3 ta' Novembru 1989 beda l-ħidma tiegħu bħala rettur P. Charles Mallia O.Carm. F'dawn is-sittax-il sena taħt it-tmexxija ta' P. Charles sar tibdil kbir fl-iskola bħall-bini tal-gym, il-laboratorju tal-fiżika, l-arts room, xiri ta' computers u l-estensjoni tal-bitħa. Waħda mill-iktar bidliet importanti li għamel P. Charles r-rettur preżenti, huwa l-bdil ta' l-isem li minn Mount Carmel College issa sar magħruf bħala St. Elias College.

*Min hu nteressat ikun jaf aktar dwar Saint Elias College inħeġġu jaqra l-ktieb ta' Patri Serafin Abela O.Carm – St Elias College, L-iskola tal-Patrijiet Karmelitani - minn fejn ħadna dan it-tagħrif.*